MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Rikors Numru. 90/2006/1

Joseph u Elisabeth konjugi Zerafa

Vs

L-avukat Dr. Joseph Ellis u Tonio Ellis

Illum 27 ta' Frar 2007.

Il-Qorti.

Rat ir-rikors prezentat fl-24 ta[1]' Awwissu 2006 mill-avukat Dr. Joseph Ellis u Tonio Ellis.

Rat ir-rispost tal-konjugi Zerafa (fol. 65).

Rat ir-replika tal-avukat Dr. Joseph Ellis u Tonio Ellis (fol. 68).

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri.

Ikkunsidrat:-

1. Ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba taghhom ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju fuq l-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12, cjoe' *"that any one of the conditions requested by law for the issue of the precautionary act does not in fact subsist"*.

2. Ir-rikorrenti jsostnu li r-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru ma giex mahluf quddiem ir-registratur izda quddiem il-prokuratur legali Quentin Tanti. Fil-fatt mill-atti jirrizulta li r-rikors gie mahluf minn Joseph Zerafa fit-22 ta' Mejju 2006 quddiem il-prokuratur legali Quentin Tanti.

3. L-argument tar-rikkorenti huwa bbazat fuq l-Artikolu 156(3) li jipprovdi li kawza ghandha tinbeda permezz ta' rikors guramentat li:- ***"…. Shall be confirmed on oath before the registrar or legal procurator appointed as Commissoner for Oaths under the Commissioner for Oaths Ordinance"***. Skond ir-rikorrenti fir-rigward ta' kazijiet ohra (bhal mandati kawtelatorji), il-Kap. 12 ma jipprovdix li dawn jistghu jigu kkonfermati bil-gurament quddiem prokuratur legali appuntat bhala Kummissjunarju b'setgha li jaghti l-gurament taht il-Kap. 79[2]. Ghalhekk ir-rikorrenti jsostnu li l-mandat in kwistjoni huwa rritwali ghaliex kellu jittiehed quddiem ir-registratur.

4. Skond l-Artikolu 831(3) ir-rikors ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju jrid jigi kkonfermat bil-gurament. Fin-nuqqas l-att huwa null. Imbaghad l-Artikolu 833 jipprovdi:- ***"the oath referred to in this Title <u>may</u> (jista' fit-test Malti) be administered by the registrar"***.

5. Fil-fehma tal-Qorti rilevanti wkoll huwa l-Artikolu 4 tal-Kap. 79, li jipprovdi:-

[2] Ordinanza dwar il-Kummissjunarju b'setgha li jaghtu Gurament.

*"Il-Kummissjunarji hawn fuq imsemmija* ***jistghu jaghtu l-gurament*** *u jircievu affidavits* ***ghall-hwejjeg kollha li jkunu mehtiega minn ligijiet ta' Malta*** *jew ta' xi pajjiz iehor,* ***inkella li jkollhom x'jaqsmu ma' procedimenti li jkunu qeghdin isiru jew li jkunu sejrin isiru quddiem qorti****, inkella li ragonevolment sejrin iservu ghal skop gudizzjarju, inkella li jirrigwardaw l-ezercizzju ta' jedd civili"*.

In forza ta' din l-Ordinanza, il-Ministru responsabbli ghall-gustizzja ghandu l-awtorita' li minn zmien ghal zmien, jahtar persuni li jkunu ***"ufficjali pubblici, avukati jew prokuraturi legali, bhala Kummissjunarji b'setgha li jaghtu gurament"***[3].

6. Minn qari tal-Artikolu 833 tal-Kap. 12 u l-Artikolu 4 tal-Kap. 79 hija l-fehma tal-Qorti li fil-kaz ta' mandati kawtelatorji l-gurament jista' jinghata wkoll minn Kummissjunarju mahtur taht il-Kap. 79 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 4 tal-Kap. 79 huwa miktub f'termini wiesgha li ma jhalli l-ebda dubju f'mohh din il-Qorti. Il-fatt li fis-sena 2006 saret emenda fl-Artikolu 156 tal-Kap. 12 sabiex ir-rikorsi guramentati jkunu jistghu jinhalfu quddiem *"legal procurator appointed as Commissioner for Oaths under the Commissioners for Oaths Ordinance"*, ma jfissirx li l-interpretazzjoni tar-rikorrenti hija korretta. Qabel din l-emenda l-Artikolu 156(3) tal-Kap. 12 kien jipprovdi li d-dikjarazzjoni guramentata li tigi pprezentata mac-citazzjoni **"ghandha"** tigi kkonfermata bil-gurament quddiem ir-registratur u mhux hadd iehor. Dan apparti l-fatt li fir-rigward ta' rikors guramentati li jsiru taht l-Artikolu 156 tal-Kap. 12, il-legislatur illimita l-ufficjali li quddiemhom jista' jigi kkonfermat bil-gurament ir-rikors. Is-sitwazzjoni li ghandna fil-kaz odjern hija ferm differenti in kwantu l-Artikolu 833 tal-Kap. 12 ma jaghmilhiex tassattiva li l-gurament jinghata mir-registratur (il-kelma li uza l-legislatur hija **"jista"**), u inoltre b'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Kap. 79 jidher bic-car li Kummissjunarju ghandu kull setgha li jaghti tali gurament.

---

[3] Artikolu 3(1).

7. Fir-rigward ta' min ta l-gurament (igifieri l-prokuratur legali Quentin Tanti), jirrizulta li fiz-zmien li ta l-gurament huwa kien (u fil-fatt ghadu[4]) jokkupa l-kariga ta' Kummissjunarju b'setgha li jaghti Gurament (Kap. 79)[5].

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi l-Qorti qeghda tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Ara gazzetta tal-gvern tat-30 ta' Jannar 2007 avviz numru 93.
[5] Ara gazzetta tal-gvern tal-20 ta' Jannar 2006 avviz numru 64.